**Biex tintbagħat lill-istampa minnufih**
15[ta'] Settembru 2023

***Ebda mara tqila m'ghandha thossha wahidha***

Il-Fondazzjoni Life Network inawgurat *"Id F'Id"* (*Hand in Hand*), bini ġdid intiz sabiex jipprovdi servizzi ta' assistenza materjali għal nisa tqal u familji żgħażagħ ġodda li qed irabbu t-trabi.

Il-Ftuħ ta' *Id F'Id* jikkumplimenta s-servizzi ta' appoġġ ħolistiku għan-nisa mmexxija mill-Fondazzjoni Life Network li jinkludu;

- Servizz ta' chat 24/7 u l- linja telefonika 20330023
- Id-'*Dar Tgħanniqa ta' Omm'* ghal nisa tqal li ma jkollhomx fejn joqgħodu
- Servizzi ta'*counselling*
- Għajnuna mill *Community Outreach services.*

Dawn is-servizzi kollha jingħataw minn tim ta' nies professjonali ddedikat u huma kollha bla hlas.

F'dawn l-aħħar erba' snin, iktar minn 200 familja rċevew għajnuniet regolari u s- servizz LifeLine għadha kif iċċelebrat it-twelid tal-mitt tarbija .

*Id F'Id*, li forsi ħafna jafuh bħala ħanut tal-fjuri gie renovat kompletament, grazzi għall-appoġġ ġeneru minn sponsors u voluntiera. Attrezzat bi ħwejjeġ tat-trabi, oġġetti għall-ħtiġijiet tal-maternità, kif ukoll kutri tat-trabi, ġugarelli u bzonnijiet oħra , Id F'Id jipprovdi kenn għal nisa tqal li jkunu qed ifittxu l-għajnuna.

Iċ-ċentru se jservi biex is-servizz ta għajnuna jkun ċentralizzat. Donazzjonijiet jiġu magħżula u mqassma facilment. L-ikel tat-trabi, l-oġġetti ghall-isptar, it-tagħmir tat-trabi u tal-maternità kif ukoll l-ilbies tat-trabi jingħata ukoll lir-residenti tad-dar tal-maternità u lil nisa oħra fil-programm ta' 'outreach' fil-komunità. Donazzjonijiet ta' flus jiġu aċċettati wkoll għax-xiri ta' oġġetti meħtieġa għat-tmexxija tas-servizz.

*Id F'Id*, li jinsab 495, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera infetaħ uffiċjalment il-Ħamis 14[ta'] Settembru 2023, mill-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta' Malta, Charles J Scicluna.

---

**Kwotazzjonijiet:**

**L-Arċisqof Charles J Scicluna**

"Illum l-ebda mara tqila m'għandha għalfejn tħossha weħidha. F'termini konkreti, appoġġ ħolistiku huwa disponibbli għan-nisa. Ejjew inkunu hemm għan-nisa biex ikunu jistgħu jagħmlu l-għażla kuraġġjuża tal-ħajja. Jeħtieġ li mill-kliem ngħaddu għall-fatti, billi nagħtu lin-nisa għażliet reali, għażliet li jippermettulhom jifirħu bil-maternità, u jiċċelebraw id-don ta' ħajja ġdida."

**Dr Miriam Sciberras, CEO Fondazzjoni Life Network:**

"Il-ftuħ taċ-ċentru jimmarka tragward sinifikanti ieħor fil-missjoni tagħna li nappoġġjaw nisa tqal, trabi u tfal żgħar fil-komunità tagħna."

**Għal iktar informazzjoni**:
www.LifeNetwork.eu u www.LifeLineMalta.eu jew ċempel **20330023**. Email: secretary@lifenetwork.eu